TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 498/10

**Fiona Borg**
**vs**
**The Baby Shop**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erbgħin ewro (€40), rappreżentanti prezz ta' żarbun għal tifel ta' tliet snin illi wara tlettax-il ġurnata nfetaħ mill-kolla tad-dawra ta' quddiem, kif ukoll inqala' l-velcro.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat żarbun għal tifel ta' tliet snin għall-prezz ta' erbgħin ewro (€40) ming]and id-ditta intimata, u wara tlettax-il ġurnata dan iż-żarbun tqatta' u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha kkonkludiet billi ppreżentaw ir-ritratti taż-żarbun fid-dettal fejn ġie sottomess illi l-qiegħ taż-żarbun mhux mikul, imma li ġara hu illi l-ponta taż-żarbun hija mikula u dan minħabba l-użu ħażin ta' dan iż-żarbun, fis-sens illi li kieku kien jittiekel l-ewwel il-qiegħ u mbagħad il-ponta u li allura jidher ċar illi l-persuna li kienet tuża ż-żarbun kien ikaxkar il-ponta ma' l-art.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll kellu l-opportunita' biex jara dan iż-żarbun in kwistjoni.

It-Tribunal, jikkonkludi li huwa minnu li dan iż-żarbun ġie ntużat ħażin, billi jidher ċar illi l-qiegħ ma ttikilx u li allura kien qiegħed jiġi mkaxkar min-naħa tal-ponta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888